# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2223

**Kaz Numru 2666/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Mario Spiteri (ID 39064M)**

**u**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju, 2013**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Mario Spiteri fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-3 ta' Marzu, 2009 fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet wahda ngusta u minghajr raguni tajba u bizzejjed. Is-Socjeta' ntimata minn naha l-ohra sostniet li l-impjieg ta' l-Appellant gie terminat ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi meta huwa kien gab lilu nnifsu f'posizzjoni fejn il-Bord tad-Diretturi tilef il-fiducja fih.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm 17 il- seduta fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba t-tul fix-xhieda, n-numru ta' differimenti, bidla fic-Chairperson li kien qed jisma' dan il-kaz u ragunijiet ohra ta' natura amministrattiva.

- **Rapprezentanza**

Mario Spiteri li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit mill-Avukat Hugh Peralta.

Gasan Mamo Inurance Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Albert Mamo u Dr.Vanessa Portelli u kienu assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona .

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant beda l-impieg tieghu taht kuntratt indefinit mas-Socjeta' ntimata f'Mejju 1997 bhala *Financial Controller & Company Secretary*. Fis-sena 2004 huwa inghata l-kariga ta' *General Manager Finance & Treasury/Company Secretary,* pozizzjoni li baqa' jzomm sat-tmiem ta' l-impieg tieghu. F'xi zmien matul l-2006/07, is-Socjeta' ntimata bdiet thoss li l-Appellant ma kienx qed jaghti l-impenn shih tieghu u dan possibilment minhabba l-interessi personali li huwa kellhu f'attivitajiet kummercjali privati li ma kellhom xejn x'jaqsmu mas-Socjeta' ntimata. F'Gunju 2008 l-Appellant kien mistieden ghall-*business lunch* mill-*Managing Director* fejn fost suggetti ohra giet diskussa l-pozizzjoni tieghu, li giet deskritta mill-istess *Managing Director* lill-Appellant bhala wahda fejn 'il-bord ftit ftit qed jitlef il-fiducja kompleta fik…'.

Fl-laqgha li saret fil-25 ta' Novembru, 2008, fejn kien prezenti ic-*Chairman* tas-Socjeta' ntimata, l-Appellant kien gie infurmat li l-pozizzjoni tieghu kienet wahda '*untenable*', minhabba li fil-fehma taghhom l-interessi privati li l-Appellant kellu ma kienux qed ihalluh jiffunzjona f'xoghlu kif kienu jixtiequ huma. Huwa gie infurmat ukoll li 'per konsegwenza', l-impieg tieghu kien ser jigi mitmum. Fit-28 ta' Novembru, 2008, saret laqgha bejn l-Appellant u ufficcjali gholja tas-Socjeta' ntimata fejn gew diskussi termini ta' kif kellu jsir it-tmiem ta' l-impieg, inkluz dawk finanzjarji. Fejn pero' baqa' ma ntlahaq l-ebda ftehim.

L-impieg ta' l-Appellant kien terminat fl-1 ta' Dicembru, 2008.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Albert Mamo** xehed illi huwa l-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata. Huwa qal li sar jaf lill-Appellant ftit qabel l-1 t'Ottubru 1999 meta kien impjegat mall-kumpanija Gasan Insurance Ltd., fejn wara imbaghad kien jokkupa l-kariga ta' *Financial Controller & Company Secretary* mas-Socjeta' ntimata. Spjega li l-Appellant fir-rigward ta' xoghlu kien jirraporta direttament lilu u li l-posizzjoni li kien jokkupa kienet wahda fiducjarja u ta' responsabilita.
Ix-xhud iddeskriva lill-Appellant bhala persuna li mil-lat tekniku ma setgha jghid xejn hazin fih, pero kien persuna individwalisa u ma kienx *team*

*player*. Nuqqas li skond ix-xhud diversi drabi qajjem dizgwid, fejn bhala ezempji semma' li l-Appellant ma kienx juza s-sistema kompjuterizzata ta' kif kienu jsiru l-appuntamenti tal-*meetings* u t-tehid tal-*leave*, u ma kienx irranga sabiex ikollu *internet connection* mad-dar privata, bhalma kellhom membri ohra tas-*Senior Management*.
Semma nuqqasijiet ohra bhal fatt li, l-*istaff appraisal policy* li kienet imhaddma f'kull dipartiment ghajr fil-*Finance Department*. L-istess haga kienet tigri fir-*recruitment policy* fejn kulhadd kien jaderixxi ghalija ghajr fid-dipartiment li responsabbli minnu kien l-Appellant.
Nuqqasijiet ohra li semma x-xhud kienu konnessi max-xoghol ta' *re-insurance* li ma kienx isir fil-hin b'riskji finanzjajri mhux zghar. Ix-xhud irrefera wkoll ghal nuqqasijiet fir-rigward tar-rwol ta' l-Appellant bhala *Company Secretary* fejn kellu x'jaqsam ix-xoghol konness mall-minuti tal-*board*, tant li din il-funzjoni kellha tigi delegata lil persuna ohra.
Ix-xhud kompla li ghal dawn in-nuqqasijiet l-Appellant kien dejjem jilmenta li kellu lista kbira ta' xoghol u ma setax ilahhaq. Sabiex tigi affrontata din is-sitwazzjoni x-xhud qal li fl-2004 l-*board* kien ingagga *accountant* iehor, pero s-sitwazzjoni ma kelliex ir-rizultat mehtieg. Ix-xhud kompla li f'Jannar 2007, gew imqabbda Price Waterhouse Coopers sabiex jaghmlu xoghol li suppost kien fid-dover li jaghmlu l-Appellant.

Ix-xhud stqarr li diversi kienu d-drabi li huwa kien jitkellem dwar din is-sitwazzjoni pero qal li 'l-Appellant kien tip ta' persuna li mhux dejjem kien jaccetta dak li tghidlu bhala korrett….'.
Ix-xhud kompla li fl-2006/07 kien wasal ghal widnejh li l-Appellant kien qed jaghmel xoghol privat ma xi *Estate Agency*, f'involviment ta' bejgh ta' propjeta fi Sqallija. Skond ix-xhud, b'rizultat ta' dan l-intrigu l-Appellant kien spiss jiehu l-*leave* nhar ta' Gimgha u nhar ta' Tnejn, xi haga li kienet qed tikkawza disgwid fl-operat ta' l-Appellant peress li l-laqghat tal-*Management* kienu jsiru nhar ta' Tnejn. Fil-kuntest tal-fatt li l-Appellant fl-2007 kien sahansitra qabad juza anke l-*unpaid leave*, ix-xhud qal li s-socjeta' ntimata ma setghatx taffordja n-nuqqas tal-presenza tieghu fuq perjodi estensivi.
Ix-xhud qal li minkejja li lill-Appellant kien kellmu dwar dan lejn tmiem l-2007 fejn wissieh li ghas-sena 2008 din is-sitwazzjoni ma setghetx tipperpetwa, s-sitwazzjoni baqghet ma tjiebitx anzi iddeterjorat minn certu aspetti bhal dhul tard filghodu u hrug kmieni lejn tmiem il-gurnata tax-xoghol. F'dan il-kuntest, ix-xhud semma l-involviment ta' l-Appellant bhala tezorier tal-Kamra tal-Kummerc.

Ix-xhud spjega kif f'Gunju 2008 kien stieden lill-Appellant 'sabiex immorru nieklu xi haga flimkien f'nofsinhar ghax hemm bzonn nitkellmu'. Ix-xhud xehed li dakinhar qal lill-Appellant li l-*board* kien qed jitlef il-fiducja fih u fil-kapacita li jiddeliverja d-doveri tieghu, fejn wissieh ukoll li jrid jara li l-affarijiet jirrangaw. Ix-xhud qal li r-rejazzjoni ta' l-Appellant kienet wahda li skond hu kien qed jaghmel dak li kien fid-dover li jaghmel u ma kienx qed jara li kien hemm xi nuqqasijiet minn naha tieghu. Ix-xhud qal li ftit taz-zmien wara sar jaf li l-Appellant fetah *sales office* fil-Corinthia Palace Hotel 'in konnessjoni' mall-bejgh ta' propjeta fi Sqallija, fejn kien imur fih wara x-xoghol.

Ix-xhud spjega kif meta dahal l-ufficcju nhar id-19 ta' Novembru, 2008, wara li kien ilu msiefer 10 ijiem, kien ra E-mail fejn innota li l-Appellant kien ser ikun bil-*leave* minn dakinhar sal-21 tax-xahar, meta propju dakinhar u cjoe fil-21 ta' dak ix-xahar kien ser ikun hemm laqgha tal-*board* tad-Diretturi.
Ix-xhud qal li huwa cempel lill-Appellant sabiex jaghrfu dwar dan u anke li dakinhar filghaxija kien hemm attivita socjali ghall-intermedjarji tal-kumpanija fejn il-presenza tieghu kienet importanti. Ix-xhud qal li l-Appellant kien wiegbu li huwa kien ser ikun Brussels imexxi delegazzjoni tal-Kamra tal-Kummerc, u li ghall-*meeting* tal-*board* kien ser jattendi d-deputat tieghu.
Ix-xhud fil-waqt li spjega li d-deputat ta' l-Appellant qatt qabel ma kien attenda laqgha tal-*Board* tad-Diretturi, qal li meta dakinhar tal-*meeting* ic-Chairman staqsa ghall-Appellant u gie nfurmat li dan ma kienx ser jattendi, gie deciz li l-*meeting* ma jipprocedix. Ix-xhud qal li wara li saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta' presenza ta' l-Appellant, b'mod unanimu l-*board* iddecieda li tilef kull fiducja fl-Appellant u li l-komportament tieghu kien qed jigi meqjus bhala '*derelection of duty*' versu l-*board*.
Hawnhekk kompla x-xhud, giet iffissata laqgha ma' l-Appellanti fejn prezenti ghalija kien hemm ix-xhud u c-Chairman tas-Socjeta' ntimata, laqgha li fil-fatt kienet saret it-Tlieta 25 ta' Novembru, 2008. Ix-xhud qal li fil-laqgha l-Appellant kien gie nfurmat li minhabba l-intrigi tieghu fix-xoghol privat li huwa kien qieghed jaghmel, il-posizzjoni tieghu mas-Socjeta' ntimata kienet saret '*untenable*'. Ix-xhud kompla li din il-laqgha giet aggornata ghat-Tnejn ta' wara sabiex jigi miftiehem it-termini tat-tmiem ta' l-impieg tal-Appellant. Gurnata wara l-Appellanti kien falla milli jidhol xoghol ghaliex attenda xi konferenza, u dan ghamlu minghajr m'avzah. Ix-xhud kompla li l-ghada cjoe il-Hamis, l-Appellant iltaqgha mieghu u mad- Diretur Julian Mamo fejn tkellem maghhom dwar *severance*

*package* bhala parti mit-termini tat-tmiem ta' l-impieg. Il-Gimgha saret laqgha ohra fejn minkejja li kienet saret proposta minn naha ta' l-Appellant dwar kif kellhom ikunu t-termini tat-tmiem ta' l-impieg baqa' ma ntalahaq l-ebda ftehim.

**Julian Mamo** xehed li mas-Socjeta' ntimata huwa jokkupa zewg karigi, wahda ta' membru fil-Board tad-diretturi u l-ohra dik ta' *Manager*. Spjega kif l-Appellant kien impjegat ma' Gasan Insurance bhala *Financial Controller* u meta saret il-merger fl-1999 u nholqot is-Socjeta' ntimata l-Appellant inghata l-inkarigu li jmexxi l-*Finance Department* tal-kumpanija gdida. Meta mitlub jispjega r-relazzjoni tieghu ma' l-Appellant ix-xhud qal li mil-lat tekniku kien jarah kompetenti ghad li stqarr li huwa mhux accountant, fuq afarijiet generici bhal *Human Resources* ma kienx bniedem facli fejn meta ma taqbilx mieghu kien ikun aggressiv u defensiv hafna fuq l-argument. Spjega kif ma' l-andament tas-snin certu *tasks* li kien ikollu l-Appellant gew moghtija lil xi hadd iehor u dan sabiex l-ilmenti kontinwi minn naha ta' l-Appellant li huwa ma kienx jista' jlahhaq ma' certi *deliverables* kienu jigu indirizzati. Bhala ezempji x-xhud semma' l-minuti tal-*management meetings* fejn beda jaghmilhom hu sa minn 2005, u l-fatt li l-hdim tal-pagi gie *out-sourced*.
Ix-xhud stqarr li minkejja li waqt il-*mangement meetings* kien isir ftehim dwar l-adottar ta' certi proceduri amministrattivi, tali proceduri kienu jkunu osservati fid-dipartimenti kollha barra f'dak li minnu kien inkarigat l-Appellant.
Ix-xhud stqarr li din l-attitudni aktar marret ghall-aghar fl-ahhar sena/sena u nofs qabel ma gie mitmum l-impieg ta' l-Appellant fejn skond ix-xhud kien evidenti li l-impenn tieghu fix-xoghol privat kien qed ikollu effett fuq l-operat tieghu mas-Socjeta' ntimata.
Ix-xhud kompla li bhala *policy* generali ma setax isir xoghol *part-time* mill-impjegati li huwa relatat mall-kumpanija, pero fir-rigward ta' xoghol iehor kienet trid tingieb *clearance*. Fir-rigward ta' l-Appellant ix-xhud qal li ma kienet saret l-ebda diskussjoni u ma kienet intalbet l-ebda approvazzjoni. Dan l-intrigu minn naha ta' l-Appellant sar maghruf ghaliex dak li huwa kien jaghmel ma kienx jaghmlu bil-mohbi. Ix-xhud qal li kien jaf li l-*Managing Director* gieli gibed l-attenzjoni ta' l-Appellant dwar il-fatt illi kien qed jinhass li l-involviment tieghu fix-xoghol privat kien qed jinghata precedenza fuq ix-xoghol tieghu mas-Socjeta' ntimata.

Fir-rigward tal-kariga tieghu bhala Direttur, meta mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' l-Appellant, ix-xhud qal li prestazzjoni tieghu kienet tkun wahda ta' kuntrasti fejn fir-rigward tax-xoghol tieghu bhala *accountant* kien ikun tajjeb pero meta kien ikun hemm xi kritika jew proponiment ta' xi idea kien ikun dejjem fuq id-difensiv. Semma wkoll il-fatt illi fi zmien aktar ricenti kien ikun tard ghal-laqghat tal-Board tad-Diretturi fejn kien jidhol minghajr apologija jew spjegazzjoni.
Ix-xhud ta rendikont ta' dak li gara waqt il-laqgha tal-Board tad-Diretturi ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Novembru, 2008 fejn kellhom jigu diskussi l-*management accounts*. Spjega li n-nuqqas ta' presenza ta' l-Appellant gabet rejazzjoni xejn pjacevoli minn naha tal-board, fejn gie deciz li kif jigi mis-safar issir laqgha ma' l-Appellant fejn tigi mitluba r-rizenja tieghu ghaliex il-posizzjoni tieghu mall-kumpanija ma kienetx aktar tenibbli.
Meat mistoqsi jekk id-doveri li kellu jaghmel l-Appellant kienux miktubin, ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li kellu xi *accountability profile* iffirmat pero peress illi l-Appellant ma kienx jirrispondi direttament lilu ma riedx jghid xi haga li ma kienetx ezatta.

**Vanessa Portelli** xehdet illi hija l-*Legal Advisor* u *Company Secretary* tas-Socjeta' ntimata. Hija pprezentat kopja tal-minuti tal-*Executive meeting* u tal-*Investment Committee meeting* li kienu saru fil-21 ta' Novembru, 2008. Filwaqt li qalet li dawn il-minuti jindikaw li l-Appellant kien assenti qalet li jindikaw ukoll li saru xi mistoqsijiet li minhabba l-assenza ta' l-Appellant ma setghux jigu diskussi.
Fir-rigward ta' x'gie diskuss dwar l-Appellant waqt dan il-*meeting*, ix-xhud wiegbet li tali diskors sar qabel il-ftuh tal-*meeting*.
Mistoqsija kienetx taf jekk l-assenza ta' l-Appellant waqt dan il-*meeting* kienetx approvata, ix-xhud wiegbet li hija ma tkunx taf.

**Mario Farrugia** xehed illi prezentament huwa l-*Financial Controller* tas-Socjeta' ntimata fejn ilu mpjegat sa mill-2004, fejn beda bhala *accountant* fid-Dipartiment tal-Finanzi.
Filwaqt li ta rendikont detttaljat ta' xogholu, ix-xhud qal li sakemm l-Appellant kien fl-impieg mas-Socjeta' ntimata huwa kien id-*deputy* tieghu.
Ix-xhud kompla jghid li kien jinnota li f'certu hinijiet u granet l-Appellant ma kienx ikun fl-ufficcju pero ma kienx ikun jaf ir-ragunijiet ghaliex l-Appellant kien jitkellem mas-segretarja.

Ix-xhud qal li lejn it-tmiem ta' l-impjieg ta' l-Appellant kien jinnota li huwa kien ikun bil-*leave* fi granet vicin il-*weekend*, u cjoe nhar ta' Gimgha jew it-Tnejn.
Ix-xhud qal li f'Novembru 2008 huwa kien attenda *management meeting* minflok l-Appellant, liema meeting kien sar qabel l-*executive* u l-*investment committee.*
Ix-xhud spjega illi filwaqt li l-gurnata tax-xoghol propja hija sal-17.15 huwa pero dejjem jaghmel siegha/saghtejn aktar, fejn specjalment fil-bidu tal-kariga li jokkupa bhalissa kien jahdem is-sibtijiet, gieli l-hdud u anke fil-btajjel pubblici. Dan sabiex kien jifhem ix-xoghol, il-ghaliex ma kienx inghata *hand-over* qal ix-xhud.
Ix-xhud irrefera ghal xi regolamenti li kienu nhargu mill-MFSA b'effett minn Jannar 2008 dwar kif ghandu jsir ix-xoghol fir-rigward ta' '*solvency*', fejn ix-xhud qal li huwa skopra li fi zmien li dan ix-xoghol kien isir mill-Appellant, il-*workings* kienu qed isiru hazin u wara li ha *over* hu, ikkonferma mall-MFSA u dawn bdew isiru tajjeb. Dan kien bejn Jannar u Frar 2009. Ix-xhud qal li huwa kien informa lid-Diretturi dwar dan.

**Joseph Gasan** xehed illi huwa c-Chairman tas-Socjeta' ntimata, liema kariga ilu jokkupa sa minn Novembru 1999. Xehed li lill-Appellant kien ilu jafu sa minn meta kien jahdem ma' Gasan Insurance Agency. Ix-xhud kompla li sa tlett/erba' snin qabel gie terminat l-impieg tieghu huwa kellu mpressjoni tajba hafna ta' l-Appellant, pero wara ma baqax efficjenti daqs kemm kien.

Ix-xhud qal li dwar dan gieli tkellem mal-*Managing Director* Albert Mamo, fejn dan kien tkellem ma' l-Appellant fir-rigward li l-involviment privat tieghu fil-bejgh ta' propjeta fi Sqallija kien qed ikollu effetti mhux tajbin fuq l-*output* generali tieghu.
Ix-xhud semma kif huwa kien '*particularly upset*' meta waqt *executive meeting* importanti tad-diretturi kien mgharraf li l-Appellant kien imsiefer, fejn kagun t'hekk din il-laqgha kella tkun posposta.
Ix-xhud kompla li xi tlett ijiem wara dan il-*meeting*, huwa u s-Sur Mamo kellhom jiltaqghu ma' l-Appellant fejn kellu jigi spjegat lilu li l-affarijiet ma setghux ikomplu sejrin hekk u li huwa kellu jaghzel bejn li jibqa' jahdem mas-Socjeta' ntimata jew ix-xoghol privat tieghu.
Ix-xhud stqarr li waqt din il-laqgha, minhabba certa aggressivita fil-komportament ta' l-Appellant l-anqas sarlu l-appell sabiex jikkonsidra li ma jkomplix bix-xoghol privat, izda huwa gie mitlub li jew jirrizenja minn jheddu jew ikollu l-impieg tieghu terminat.

Ix-xhud stqarr li ma jhossx li fir-rigward tan-nuqqasijiet li kien hemm minn naha ta' l-Appellant kellhom jinghataw xi *warnings* bil-miktub u dan minhabba l-kariga li huwa kien jokkupa, pero kienu diversi drabi fejn sarulu lmenti bil-kliem. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li minn wara t-tluq ta' l-Appellant minn mas-Socjeta' ntimata l-*finance function* tjiebet b'mod generali

**Publio Danny Rosso** xehed li huwa ilu Direttur mas-Socjeta' ntimata sa minn April 2003 huwa ta rendikont tar-relazzjoni li kellu ma' l-Appellant, kemm bhala Direttur tas-Socjeta' ntimata u anke bhala *Financial Controller* ta' Gasan Group, fejn irrefera ghal certi nuqqasijiet kemm amministrattivi u anke teknici. Semma li spiss kien isibha difficli li jargumenta ma' l-Appellant fuq *issues* teknici minhabba l-attitudni tieghu.
Ix-xhud qal li huwa kien jaf bl-intrigi li l-Appellant kellu kemm fix-xoghol privat tieghu konness ma' bejgh ta' propjeta fi Sqallija kif ukoll mall-fatt li kien attiv mac-*Chamber of Commerce* , fejn qal li fl-opinjoni tal-board kienu qed jinpingu fuq l-efficenza ta' xogholu.

Ix-xhud kompla jispjega kif l-Appellant kien generalment jattendi tard ghal-laqghat meta dawn kienu jkunu nhar ta' Tnejn. Spjega wkoll l-andament tal-laqgha tad-diretturi li kienet saret f' Novembru 2008, li ghaliha l-Appellant kien assenti.
Ix-xhud stqarr li fil-laqgha ta' dakinhar ma kienx hemm decizjoni li l-Appellant jitkecca pero kien gie deciz li Joe Gasan u Albert Momo jiltaqghu u jitkellmu mieghu.

**Gordon Cachia** permezz t'affidavit xehed li huwa kien qabad jahdem mas-Socjeta' ntimata f'Awwissu 1998 bhala *Finance Officer* u wara fil-kariga ta' *Deputy Manager* sa ma spicca f'Mejju 2004.
Ix-xhud ta' rendikont estensiv tax-xoghol li kien isir fid-dipartiment, spjega kif matul is-snin saru tibdiliet fis-sistemi komputerizzati ta' certi funzjonijiet u kif ma' l-andament taz-zmien zdiedu l-oqsma tax-xoghol, fejn bhala ezempji ix-xhud irrefera ghal GM Insurance Brokers Ltd., u Gasan Mamo Financial Services Ltd.
Ix-xhud stqarr li l-esperjenza tax-xoghol tieghu mas-Socjeta' ntimata kienet wahda posittiva fejn kien jikkomunika ferm tajjeb kemm ma' l-Apellant u mall-bqija tal-kollegi fid-dipartiment.
Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi ddeskriva lill-Appellant bhala bniedem onest, professjonali, tajjeb f'xoghlu u ta' karattru sod, fejn dejjem lest jghin lill kollegi tieghu f'xoghlhom u dejjem ihajjarhom jistudjaw sabiex javvanzaw fil-karrieri taghhom.

**Joseph E. Grech** xehed ukoll permezz t'affidavit li fl-1 t'Ottubru, 1999, huwa kien inhatar bhala *Managing Director* tas-Socjeta' ntimata, fejn qabel kien serva ghal bosta snin kemm ma' *Gasan Group of Compnaies* u ma' *Gasan Insurance Agency*.
Ix-xhud qal li kien sar jaf lill-Appellant fil-bidu tal-1998, waqt *interviews* li kienu saru sabiex jimtela l-post vakant ta' *Financial Controller* ma' *Gasan Insurance Agency*, fejn eventwalment kien intaghzel l-Appellant sabiex jimla l-vakanza.

Relatat ma' dan, ix-xhud spjega li waqt li kienu qed jigu diskussi l-kundizzjonijiet tax-xoghol, l-Appellant kien semma li huwa kien jaghmel xi xoghol privat, Kien gie ccarat, kompla x-xhud, li dan seta' jsir basta ma kienx ikun f'konflitt t'interess ma' xoghlu u ma jkunx ta' tfixkil fil-qadi ta' dmierijietu.
Ix-xhud kompla li f'Ottubru 1999, l-Appellant kien gie appuntat *Financial Controller* u *Company Secretary* mas-Socjeta' ntimata.
Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi stqarr matul il-perjodu li huwa kien jahdem vicin l-Appellant u cjoe sa l-2003, skont hu kien persuna kompetenti u kien jaqdi dmiru tajjeb, fejn kellu relazzjonijiet tajbin kemm mieghu kif ukoll ma' shabu fil-*management team*.

**Mario Spiteri** l-Appellant, xehed b'mod estensiv b'akkumpanjament ta' numru ta' dikjarazzjonijiet guramentati.

L-ewwel affidavit : 14 ta' Gunju, 2010

Dwar ix-xhieda tas-Sur Joe Gasan b'referenza ghall-*meeting* tal-21 ta' Novembru, 2008, ix-xhud qal li mhuwiex minnu li l-*accounts* ma kienux saru ghaliex f'minuti tal-*meeting* riferut u li gew esebiti waqt ix-xhieda ta' Dr. Vanessa Portelli taghha hemm indikat li tali *accounts* gew cirkolati u diskussi. Ix-xhud qal li ghall kull 'buon fini' l-*accounts* kienu saru u gew imqassma qabel. Dejjem b'referenza ghall-istess *meeting*, ix-xhud qal li fix-xhieda tieghu Joe Gasan qal li '…fil-fatt il-*meeting* ma sarx, il-*meeting* ipposponejnih ghax ma stajniex inkomplu..', mentri fil-minuti ndikati waqt ix-xhieda ta' Dr. Portelli jindikaw li tali *meeting* dam sejjer mat-3 sieghat.
Filwaqt li spjega d-diversi ntrigi li huwa kellu fi hdan il-Kamra tal-Kummerc fejn kien gie elett f'Dicembru 2005 bis-sapport ta' Joe Gasan, Albert Mamo u ohrajn, ix-xhud stqarr li l-funzjonijiet tieghu bhala ufficcjal tal-Kamra tal-Kummerc u tal-*Malta Business Bureau* kien dejjem jaghmilhom waqt li jkun bil-*leave* jew ipatti ghalihom b'hin zejjed fuq ix-xoghol qal li s-Socjeta'

ntimata kienet tinkoraggixxi tali involviment kemm tieghu u ta' persuni ohrajn fi hdana.

Spjega kif huwa kien gie avvicinat bhala ufficcjal tal-*Malta Busines Bureau* sabiex ikun il-*Head of Delegation* waqt zjara li numru ta' mprendituri kienu ser jaghmlu fi Brussell bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2008.
Peres illi nhar il-21 ta' Novembru kien ser ikun hemm il-*meetings* kemm tal-*Executive Committee* kif ukoll tal-*Investment Committee* fejn huwa kellu jlesti minn qabel xoghol relatat mal-*management accounts*, ix-xhud qal li nhar is-17 ta' Novembru ha hsieb sabiex ix-xoghol kollu jkun lest u anke ipprepara lis-Sur Michael Farrugia sabiex jattendi minn floku ghall dawn il-*meetings*. Ix-xhud qal li dan ghamlu fil-waqt li segwa l-procedura normali f'dak li huwa ibbukkjar tal-*leave* fejn huwa informa lill kull minn kien dovut javza.
Ix-xhud kompla li nhar it-18 ta' Novembru huwa ltaqa ma' Albert Mamo fejn fil-waqt li ghaddielu kopja tal-*management accounts* u nfurmah li ghall-laqgha tad-diretturi kellu jattendi d-*deputy* tieghu minfloku tah id-dettalji taz-zjara fi Brussell. L-ghada, kompla ix-xhud iddiskuta mas-Sur Mamo l-*management accounts* u anke xi punti li li stess Mamo xtaq li jkunu mqajjma fil-laqgha li l-Appellant kien ser jattendi fi Brussell.
Ix-xhud qal li t-Tnejn 24 ta' Novembru 2008 huwa dahal ghax-xoghol, fejn kellu l-kuntatti normali kemm ma' Albert Mamo kif ukoll mal-kumplament tal-kollegi, fejn ghall xi l-hamsa ta' wara nofs in-nhar huwa gie nfurmat li l-ghada kellu jattendi laqgha ma' Joe Gasan fl-ufficcju tieghu fl-Imriehel.
L-Appellant spjega li l-ghada fil-ghodu attenda ghal-laqgha kif avzat, fejn prezenti apparti Joe Gasan kien hemm ukoll Albert Mamo. Ix-xhud kompla li fil-waqt li Joe Gasan qallu li huwa kien hassu urtat bin-nuqqas tieghu li jattendi l-meetings tal-21 ta' Novembru qallu li jidher li xoghol privat li ghandu fi Sqallija qieghed irendi tajjeb u'..j'Alla l-gid..'. Ix-xhud qal li f'dak il-hin infurmawh bid-decizjoni li huwa ma' kienx ser jibqa mpjegat mas-Socjeta ntimata u li kellu jiddeciedi li jew jirrizenja jew jigi mkecci.
Ix-xhud qal li minkejja li pprova jispjegalhom li huwa dejjem wettaq id-doveri tieghu b'onesta u korretezza u li kienu qeghdin jiehdu decizjoni mghaggla, meta talabhom jaghtuh fejn naqashom fix-xoghol, ir-risposta minn naha taghhom kienet li huma kellhomx dubju mill-integrita u l-kompetenza tieghu.

Ix-xhud qal li peress illi deher li d-decizjoni tat-tkeccija tieghu kienet diga mehuda, talabhom sal-Gimgha 28 ta' Novembru sabiex jigu finalizzati l-affarijiet. Kompla kif dakinhar stess wara nofsinhar, iltaqa' m'Albert Mamo fil-presenza ta' Julian Mamo fejn tkellmu dwar it-termini f'kaz illi huwa joffri r-rizenja tieghu, fejn anke semma xi pretesjonijiet li kellu dwar '*severance payment*' fuq l-istess linji li kienu ghadhom kif taw lill-impjegat iehor li kien mitlub jirtira qabel iz-zmien.
Ix-xhud qal li l-Gimgha 28 ta' Novembru huwa pprezenta bil-miktub lil Albert Mamo l-proposti tieghu fil-kaz li jaccetta li jirrizenja, fejn fost affarijiet ohra talab li jinghata tlett snin remunerazjoni bhala *severance payment*. Wara xi saghtejn, Albert Mamo nfurmah illi filwaqt li l-proposti l-ohrajn kienu qed jigu milqugha kif prezentati dwar is-*severance paymment* setghu jaslu sa pagament ta' sitt xhur.
Ix-xhud qal li kien hawnhekk li talabhom l-ittra tat-tkeccija sabiex ikun jista' jibda l-proceduri ta' tkeccija ngusta. Fejn allura, wara kwazi tnax il-sena din kienet l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu stqarr ix-xhud.

It-tieni affidavit : 17 ta' Jannar, 2011

Ix-xhud beda biex qal li x-xhieda t'Albert Mamo, Vanessa Portelli, Michael Farrugia, Joe Gasan u ta' Publio Danny Rosso kienu kritika qawwija kontra x-xoghol professjonali tieghu, tghawwig ta' fatti u nkorrettezzi.
Ix-xhud sostna li mix-xhieda prezentata jidher li t-tkeccija tieghu saret ghaliex huwa kellu xoghol iehor barra mill-kumpanija, ghaliex ma hax il-permess necessarju sabiex jaghmel certu xoghol , ghaliex ma kienx qed ikun fl-ufficcju f'certi granet u ghaliex m'attendiex il-*meetings* li saru nhar il-21 ta' Dicembru, 2008.
Dwar l-ewwel zewg ragunijiet, ix-xhud stqarr li meta originarjament huwa kien gie mpjegat ma' Gasan Insurance Agency huwa kien informa dwar l-involviment tieghu f'xoghol privat, u dakinhar ma' kienet tqajjmet l-ebda oggezzjoni. F'dan ir-rigward ix-xhud ta dettalji t'involvimenti ta' mpjegati ohra f'xoghol privat u kif agixxiet is-Socjeta' ntimata f'dawn il-kazi.

Dwar it-tielet raguni, x-xhud qal kull meta kien ikun imsiefer dejjem kien ikun mil-*leave entitlement* tieghu u dan dejjem kien ikun awtorizzat minn Albert Mamo anke fid-drabi fejn fl-2007 ha *leave extra*.
Dwar ir-raba' raguni, x-xhud qal li fir-rigward tal-*meetings* tal-21 ta' Novembru, 2008 huwa kien fuq *leave* awtorizzat minn Albert Mamo u allura ma kienx assenti kif kien qieghed jinghad. Barra minnhekk kompla x-xhud,

huwa kien ha l-mizuri kollha sabiex dak li kellu jsir fl-assenza tieghu seta' jsir xorta wahda.
Ix-xhud sostna li c-*Chairman* Joe Gasan kien ghaggel fid-decizjoni tieghu li jitterminalu l-impieg ghaliex ma ccekkjax m'Albert Mamo li dakinhar tal-21 ta' Novembru, 2008 kien hu li approva l-*leave*.

It-tielet affidavit : 13 ta' Gunju, 2011

Ix-xhud qal li fis-26 ta' Jannar, 2007, Albert Mamo kien kitiblu fejn infurmah li b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007 huwa kien ser jircievi ziediet fil-pakkett finanzjarju tieghu u dan filwaqt li rringrazzjah ghax-xoghol li kien ghamel fis-sena precedenti. Ittra simili kien ircievijha fil-5 ta' Frar, 2008. Ix-xhud qal dan waqt li stqarr li huwa qatt ma kien ircieva xi '*warning*' bil-miktub kagun ta' hidmietu.
Ix-xhud qal li huwa kien fetah l-ufficcju relatat max-xoghol privat tieghu f'Ottubru 2008 sabiex il-mara tieghu tkun tista' tinvolvi ruhha aktar fix-xoghol ta' Sqallija.
Ix-xhud stqarr li huwa kien ihallas minn butu telefonati li huwa kien jaghmel minn fuq il-*mobile* tal-kumpanija meta kien ikun imsiefer. Huwa qal dan filwaqt li spjega li s-Socjeta' ntimata kienet zammet dan in-numru wara li huwa kien tkecca mix-xoghol anke jekk dan in-numru kien jappartjeni lilu sa minn qabel huwa kien qabad jahdem mas-Socjeta'. Kompla li huwa ha lura dan in-numru wara xi sitt xhur. Dwar l-akkuza li huwa ma kienx *team-player* ghaliex ma kienx juza d-*diary* eletroniku, x-xhud qal ma kienx juzah ghaliex kien jippreferi juza wiehed manwali minhabba li kien aktar efficjenti.

Ix-xhud kompla jaghti risposti ghall-diversi akkuzi bhal ibukkjar tal-*leave,* attendenza f'konferenzi, *staff appraisal policy, re-insurance*, zamma u d-distribuzzjoni ta' minuti, li kienu saru fil-konfront ta' l-operat tieghu waqt ix-xhieda t'Albert Mamo.

Ir-raba' affidavit : 26 ta' Gunju, 2011

Ix-xhud kompla bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu ghall-akkuzi li kienu saru fil-konfront ta' l-operat tieghu waqt ix-xhieda t'Albert Mamo li kienu jikkoncernaw l-ingagg t'*accountant* iehor, *Financial Projections October* 2006, immaneggjar tax-xoghol, xoghol privat, u tehid tal-*leave*.
Ix-xhud ghalaq billi semma li fil-paga ta' Dicembru 2008, huwa ma rceviex in-*notice money* ta' 8 gimghat li huwa jghid li kien intitolat ghalihom bil-ligi.

Il-hames affidavit : 28 ta' Novembru, 2011

Ix-xhud kompla bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu ghall-akkuzi li kienu saru fil-konfront ta' l-operat tieghu waqt ix-xhieda t'Albert Mamo li kienu jikkoncernaw il-hinijiet tax-xoghol, l-involviment fil-Kamra tal-Kummerc, *lunch meeting* ta' Gunju 2008, *sales office* fil-lukanda Corinthia Palace.
Ix-xhud imbaghad qabad bir-risposti/spjegazzjonijiet dwar dak li kien xehed Julian Mamo. Dan kienu jittrattaw il-karattru u l-attitudnijiet ta' l-Appellant, *written/verbal warnings*, minuti tal-*board*, pagi u *management accounts*, u l-ingagg t'*accountant* kwalifikat.

Is-sitt affidavit : 16 ta' April, 2012

Ix-xhud kompla bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Julian Mamo. Dan kienu jittrattaw l-osservanza tal-proceduri ta' *HR*, zamma tal-hinijiet tax-xoghol u tehid tal-*leave*, involviment ta' l-Appellant fil-Kamra tal-Kummerc, xoghol privat ta' l-Appellant, *clearance* dwar xoghol privat, *Board meeting* t'Awwissu 2007, l-uzu tal-*mobile* waqt il-*meetings*, l-atteggjament ta' l-Appellant waqt il-*board meetings*, dhul tard fil-*meetings*, l-*Executive Committee meeting* tal-21 ta' Novembru, 2008.

Fi tmiem tax-xhieda tieghu fir-rigward ta' dak li kien xehed Julian Mamo, l-Appellant sostna li t-tkeccija tieghu kienet saret minghajr konsultazzjoni mad-Diretturi Deschamps, Matthews u Wonfor.
Wara x-xhud beda bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Michael Farrugia. Dan kienu jittrattaw ir-relazzjoni bejniethom fuq ix-xoghol, *Training Hour*, u *Monthly Management meetings*,

Is-sebgha affidavit : 28 ta' Mejju, 2012

Ix-xhud kompla bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Michael Farrugia. Dawn kienu jittrattaw l-*Executive Committee meeting* tat-18 ta' Novembru, 2008, *handover* tax-xoghol, l-*issue* tas-*solvency calculation*.
Ix-xhud imbaghad beda bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Joseph Gasan. Dawn kienu jittrattaw id-distribuzzjoni/hrug tal-*management accounts* ghall-meeting tal-21 ta' Novembru, 2008 u l-assenza tieghu f'dak il-*meeting*, x'intqal fil-laqgha li x-xhud kellu ma' Gasan nhar il-25 ta' Novembru, 2008, il-mod kif sar it-tmiem propju ta' l-impieg li kien sar nhar it-28 ta' Dicembru, 2008, *warnings* precedenti bil-kliem jew bil-kitba.

Ix-xhud wara beda bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Publio D. Rosso. Dawn kienu jittrattaw kazi ta' nuqqas ta' qbil fuq punti teknici, puntwalita tal-minuti ta' laqghat tal-*boards*, finalizzar u l-kontenut tal-*management accounts*.

It-tmien affidavit : 8 ta' Ottubru, 2012

Ix-xhud kompla bir-risposti/spjegazzjonijiet tieghu dwar dak li kien xehed Publio D. Rosso. Dawn kienu jittrattaw dwar x'intqal fil-*meeting* tal-21 ta' Novembru, 2012 dwar il-posizzjoni tax-xhud u l-eventwali tkeccija tieghu mix-xoghol, attendenza u puntwalita tax-xhud ghall-*board meetings* u dwar xoghol *part-time*.

Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi sahaq li fir-rigward tax-xoghol privat li huwa kien jaghmel waqt li huwa kien impjegat mas-socjeta' ntimata, kien jaghmlu fl-ambitu tal-permess li kien inghatalu meta kien gie mpjegat fl-1998, u bil-konoxxenza shiha tas-socjeta' ntimata, fejn hawnhekk ix-xhud ghamel referenza ghal-*Email* li huwa kien baghat lil Michael Soler wiehed mid-Diretturi ta' Gasan Group f'Mejju 2008 u li kien baghtilu bhala klijent potenzjal tieghu.

Fil-kontro-ezami, l-Appellant stqarr li meta spicca mix-xoghol ma ha mieghu l-ebda dokument tal-kumpanija. Ix-xhud qal li meta gie ngaggat mall-kumpanija Gasan Insurance fl-1997, minkejja li fil-kuntratt kellu li ma setax jaghmel xoghol privat, pero sa mill-bidu nett kien hemm ftehim li setgha jaghmel xoghol privat jekk jinghata permess. Permess li eventwalment kien inghata b'mod verbali minn Joe Grech li dak iz-zmien kien Direttur sabiex ikompli jopera d-Deltafin Services Ltd., fejn wara ghadda sabiex jispjega n-natura tax-xoghol ta' din il-kumpanija.
Ix-xhud kompla li fl-2008 beda jopera flimkien ma' persuna ohra s-Sicily Farmhouses Ltd., fejn minkejja li ma talabx permess specifiku sabiex jaghmel dan ghaliex kien jassumi li l-permess originali kien ghadu jregi, tant li zewg Diretturi tas-Socjeta' ntimata u propju Julian Mamo u Danny Rosso utillizzaw is-servizzi ta' din il-kumpanija minnu stess. F'dan l-istadju x-xhud ta dettalji ta' zewg impjegati ohra li kienu jaghmlu xoghol privat waqt li kienu fl-impieg mas-Socjeta' ntimata.
Fuq mistoqsijiet ta' Dr. Borg Cardona x-xhud reggha ta l-verzjoni tieghu tas-sekewenza ta' kif sehhew l-affarijiet li wasslu ghat-tmiem ta' l-impieg tieghu, fejn reggha tenna li d-decizjoni tat-tkeccija mehuda minn Joe Gasan kient ittiehdet fuq premessi zbaljati u kienet wahda mghaggla.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud qal li filwaqt illi meta gie ingaggat ma' Gasan Insurance Agency fl-1997 bhala *Financial Controller & Company Secretary* huwa kien inghata kuntratt miktub, fl-2004 meta inhatar *General Manager Finance & Treasury* mas-Socjeta' ntimata huwa ma nghatax kuntratt iehor. Dan ghaliex, kompla x-xhud, meta Gasan Insurance hadet *over* Galdes & Mamo Ltd, fl-1999, ken hemm kontinwazzjoni tax-xoghol u fl-2004, kull ma sar kien li nbidel l-isem ghaliex il-kumpanija ma baqghetx agenta izda nghata licenzja ta' principal.
Ix-xhud ghalaq billi stqarr illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol li huwa kellu ma gewx mibdula ma dik il-hatra.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Andrew Borg Cardona** f'isem is-socjeta' ntimata beda bi stqarrija fejn iddeskriva bhala ragonevoli d-dritt li l-*employer* jikkonkludi li ghandu bzonn il-*commitment* komplet u minghajr distrazzjoni ta' l-impjegati tieghu. U fuq dan il-punt beda l-argumentazzjoni tieghu fejn sahaq li s-Socjeta' ntimata kellha kull gustifikazzjoni li thoss li l-Appellant ma kienx qed jaghti l-*commitment* kollu tieghu galadarba kien qed jiggestixxi xoghol privat t'*estate agency*. Ma kienx possibbli li dan l-involviment ma kienx qed johloq *distraction* fix-xoghol sahaq Dr. Borg Cardona. Fejn hawnhekk ghamel referenza li l-permess li kien inghata lill-Appellant snin qabel kien jindirizza xoghol privat relatat m'*accountancy* u mhux ta' *property management*.
Filwaqt illi stqarr li l-kompetenzi ta' l-Appellant fir-rigward ta' xoghol qatt ma gew iddubitati, Dr. Borg Cardona rrefera ghal sitwazzjonijiet fejn hargu certi nuqqasijiet u fejn anke fejn skond hu esponew l-attitudni generali ta' l-Appellant bhala wahda li kien ihossu li jista' 'kien jaghmel li jrid'.

F'dan l-isfond spjega li d-decizjoni li jintemm l-impieg ta' l-Appellant ma' ttiehdetx 'ejja ha' mmorru', fejn semma li kien hemm *board meeting* li ghalih l-Appellant ma kienx prezenti, l-Appellant gie mghajjat fl-ufficcju tac-Chairman, saret diskussjoni fejn l-affarijiet tpoggew cari u kullhadd qal li kellu jghid u wara ttiehdu d-decizjonijiet.
Dr. Borg Cardona ghalaq it-trattazzjoni tieghu billi sostna li l-Appellant gab 'dan kollu fuqu nnifsu' ghaliex ma' talabx permess ghax-xoghol privat li attwalment kien qed jaghmel u rregola ruhu fuq impressjoni. Mill-banda l-ohra l-kumpanija hadet 'in konsiderazzjoni' ta' l-aspetti kollha ta' l-obbligi ta' kull impjegat fejn allura waslet ghall-konkluzjoni li waslet.

**Dr. Hugh Peralta** ghan-nom ta' l-Appellant zvolga l-argumenti tieghu fuq il-fatt illi matul it-tarttazzjoni tieghu Dr. Borg Cardona ma gabx provi illi jiggustifikaw it-tkeccija mix-xoghol ta' l-Appellant, izda bbaza fuq il-fatt illi l-kuntratt originali kien jipprojbixxi lill-Appellant milli jaghmel xoghol iehor, pero fl-istess hin ammetta li kien hemm permess.
Dr. Peralta qal li minn dan il-process hareg, li l-Appellant kien persuna preciz fix-xoghol tieghu u ma' harget l-ebda prova li kienet tindika li minhabba l-involviment fix-xoghol privat tieghu l-Appellant naqas f'xogholu. Anzi, sostna Dr. Peralta, li ghal sena wara l-ohra ntwera apprezzament f'xogholu bl-ghoti ta' ziediet fil-paga u *bonuses*.
Dr. Peralta ddeskriva d-decizjoni mehuda mis-Sur Gasan, Chairman tas-Socjeta' ntimata li jtemm l-impieg ta' l-Appellant bhala wahda li kienet mehuda hesrem, fejn huwa ma kellux informazzjoni korretta u fejn meta ddecieda, ta' madwaru qalulu iva. F'dan l-istadju Dr. Peralta ghadda sabiex ta rendikont tar-risposti estensivi li l-Appellant ta' matul il-process ghal kull akkuza li saret fil-konfront tieghu.
Dr. Peralta ghalaq billi sostna li f'laqgha li l-Appellant kellu mac-Chairman, huwa ma' nghata l-ebda cans sabiex jaghzel jekk ikomplix jaghmel ix-xoghol privat tieghu izda l-ghazla kienet li jew jirrizenja jew ikeccuh u fil-fatt keccewh.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali jinnota li :

- Filwaqt li l-Appellant kien inghata kuntratt tax-xoghol bil-miktub meta huwa kien gie ingaggat ma' Gasan Insurance Agency bhala *Financial Controller/Com. Secretary* fl-1997, huwa ma' kienx gie moghti kuntratt tax-xoghol iehor meta huwa tpogga fil-kariga gdida ta' *General Manager Finance & Treasury/Comp. Secretary* mas-Socjeta' ntimata.

- Fil-kuntratt tax-xoghol ma' Gasan Insurance Agency, kien hemm klawsola li ma' kienetx tippermetti lill-Appellant li jaghmel xoghol privat, pero sa mill-bidu ta' l-ingagg tieghu huwa kellu permess verbali sabiex jaghmel xoghol ma' kumpanija tieghu bl-isem ta' Deltafin Services Ltd.

- Fl-2008 giet kostitwita s-Sicily Farmhouses Ltd., li s-sid taghha kien l-Appellant flimkien ma' persuna ohra, fejn qatt ntalab permess sabiex

joperaha waqt li kien fl-impieg mas-Socjeta’ ntimata. U dan ghaliex assuma li l-permess li kien inizjalment inghata, kien ghadu jghodd.

- L-Appellant bil-gurament stqarr li zewg Diretturi tas-Socjeta’ ntimata utilizzaw is-servizzi tas-Sicily Farmhouses Ltd. Dikjarazzjoni li ma’ gietx kontradetta fl-ebda stadju tal-process tal-kaz.
- Illi tali stqarrija tirrispekkja sitwazzjoni fejn jekk ma kienx hemm permess ghax-xoghol privat maghmul mill-Appellant u kif deskritt fil-process, pero kien hemm pjena konoxxenza ‘da parti’ tad-Diretturi.
- Filwaqt li s-Socjeta’ ntimata kienet konxja li l-Appellant kien involut f’xoghol privat, qatt ma’ nghatatlu xi ordni diretta u tassattiva sabiex huwa jaghzel bejn l-involviment privat u l-impieg.
- Illi granet biss wara li ntemmlu l-impieg minn mas-Socjeta’ ntimata, l-Appellant irregistra ruhu mall-ETC bhala ‘*Accountant*’ fuq bazi ‘*full-time self-employed*’, u bhala Direttur ta’ Sicily Farmhouses Ltd fuq bazi ‘*part-time’*.

- **Decizjoni**

Dan il-kaz huwa wiehed partikolari fejn jittratta r-rapport bejn kumpanija u ufficjal manigerjali gholi. Il-kazista dwar ‘*senior management*’ mhijiex wahda numeruza ghaliex f’bosta kazi simili jinstabu soluzzjonijiet prattici bi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet.

It-Tribunal iqis li rekwizit fundamentali fir-relazzjoni bejn l-impjegat u min ihaddem huwa l-impenn. Dan ir-rekwizit jikber aktar fl-importanza tieghu meta l-kariga ta’ l-impjegat tkun wahda ta’ certa importanza, bhalma kienet fil-kaz li dwaru tittratta din id-decizjoni.

Bla ebda dubju li l-livell ta’ mpenn moghti minn-naha ta’ l-Appellant kien meqjus bhala sodisfacenti minn-naha tad-Diretturi tas-Socjeta’ ntimata matul is-snin. Pero, kif hareg car mix-xhieda, din il-fehma minn-naha tad-Diretturi iddetterjorat, b’mod partikolari fis-sena meta sehh it-temm ta’ l-impieg, tant li f’dak il-perjodu s-sitwazzjoni giet deskritta mill-istess Diretturi bhala wahda mhux tenibbli. Bir-raguni principali ddur mall-fatt li l-Appellant ma’ kienx qed ikun ikkunsidrat li kien qieghed jiddedika l-isforzi shah tieghu fl-interessi tas-Socjeta’ u dan ghaliex skont l-istess Diretturi, huwa kien wisq impenjat fix-xoghol privat tieghu.

Din is-sitwazzjoni wasslet sabiex jigi mitmum l-impieg ta' l-Appellant, anke jekk l-Appellant inniffsu ddeskriva d-decizjoni mehuda mis-Socjeta' ntimata bhala wahda li kienet mehuda bl-ghaggla. Mill-banda l-ohra, l-Appellant kien konxju li ma' kienx ghadu 'ben vist' li qed jaghti l-massimu ta' l-impenn tieghu, tant li kien dispost, u eventwalment beda diskussjonijiet sabiex ikun hemm ftehim fuq kundizzjonijiet dwar kif kellu jintemm l-impieg.

It-Tribunal jemmen bis-shih illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi valorizzat kemm minn dak li jirrikjedieh u anke minn min jaghtih. U f'dan l-ambitu t-Tribunal jifhem li kumpanija ghandha dritt li thossa konvinta b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ghola mpjegati taghha, li dawn jkunu dedikati b'mod shih sabiex ikun garantit il-massimu t'impenn lejn il-kumpanija. Pero, jekk dan in-nuqqas ta' tali konvinzjoni, ma jkunx korraborat b'xi akkuzi serji ta' negligenza, m'ghandux ikun daqshekk komdu u relattivament irhis li jigi terminat impieg.

Tenut kont tal-mod kif gew ipprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, ma' jhossx bhala accettabbli l-mod komparattivament facli li bih giet mitmuma din ir-relazzjoni t'impieg.

F'dan li sfond, it-Tribunal jiddikjara t-temm ta' dan l-impieg bhala wiehed ingust u jiffissa kumpens pagabbli fis-somma ta' €34,100 li ghandu jithallas lill-Appellant mis-Socjeta' ntimata fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**